# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 99/2011

## tat-30 ta' Settembru 2011

## li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżwali u soċjetà tal-informatika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikulari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 79/2011 tal-1 ta' Lulju 2011 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/884/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2007/116/KE rigward l-introduzzjoni ta' numri riżervati addizzjonali li jibdew bil-116 ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5cx (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/116/KE) fl-Anness XI mal-Ftehim:

"— **32009 D 0884**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/884/KE tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU L 317, 3.12.2009, p. 46)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2009/884/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Kurt JÄGER

(1) ĠU L 262, 6.10.2011, p. 50.

(2) ĠU L 317, 3.12.2009, p. 46.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.